**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90, Head Office,
Marsa, MRS 1000 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

**Is-Sibt 5 ta' Diċembru 2015**

# Proposti tal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) ispirati mill-Enċiklika Laudato Si' tal-Papa Franġisku dwar l-Għożża tad-Dar Komuni*

## Introduzzjoni

Fl-aħħar kapitlu tal-Enċiklika, il-Papa Franġisku jistqarr li hemm ħafna affarijiet li għandhom bżonn jaqbdu rotta ġdida. Imma l-aktar bidla fundamentali għandha tkun dik tal-persuna. Għalhekk, il-Papa jistedinna għall-konverżjoni ekoloġika sabiex niżviluppaw konvinzjonijiet, attitudnijiet u forom ta' ħajja ġodda, inkluż stil ta' ħajja ġdida. Din hi l-isfida ġdida kulturali, spiritwali u edukattiva li b'mod partikolari l-Knisja trid tiffaċċa sabiex tibqa' twieġeb għas-sinjali taż-żminijiet. Il-Knisja li trid tilqa' din l-isfida trid tevalwa mill-ġdid, fid-dawl tal-Enċiklika, ir-rwol tagħha ta' **Omm** (li tħobb, tagħder u tilqa' lil kulħadd), ta' **Għalliema** (li tagħti xhieda għall-Verità), imma wkoll ta' **Oħt** (li takkumpanja lill-bnedmin f'kull waqt ta' ħajjithom) u ta' **Qaddejja** (li taqdi speċjalment lil min hu mwarrab).

Il-Papa jpoġġi lil San Franġisk ta' Assisi bħala l-mudell pereċċellenza ta' spiritwalità u appostolat mibnija fuq l-għożża għan-natura, il-ġustizzja mal-foqra, l-impenn fis-soċjetà u s-sliem ġewwieni[10]. Din it-tip ta' konverżjoni titlob proċess edukattiv li jwassal biex tinħoloq armonija magħna nfusna, mal-oħrajn, man-natura u l-ħlejjaq ħajjin kollha, u ma' Alla[210]. Proċess edukattiv jinkludi:

### A. Il-kisba ta' għarfien u sensitività għal dak li qed iseħħ madwarna.

- Dak li hu meħtieġ mhux żieda ta' aktar temi "ambjentali" fid-diskors formattiv tal-Knisja, imma pjanijiet t'azzjoni ċari dwar kif il-kunċett ta' "ħolqien" isir il-kuntest tal-ispiritwalità individwali u kollettiva[217].
- Għandu jsir dixxerniment teoloġiku bbażat fuq ir-riflessjonijiet li l-Papa jagħmel fl-Enċiklika[17] – speċjalment fl-aħħar partijiet tas-Sitt Kapitlu (VI-IX). Il-frott ta' dan id-dixxerniment għandu jkun disseminat u implimentat fl-oqsma tat-tagħlim li jmissu mal-Knisja.

* In-numri li jidhru ħdejn xi sentenzi jindikaw ir-referenza għall-paragrafi mill-Enċiklika.

- Ikun żgurat li l-prinċipji tal-ekoloġija integrali (li tiġbor fiha d-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u umani) issib postha b'mod regolari fis-suġġetti trattati fl-omeliji u fil-programmi tal-katekeżi (minn dik taż-żgħar għal dik tal-adulti … speċjalment tal-familji[213]). Biex dan iseħħ, jeħtieġ li din it-tema jkollha post (mhux periferali) fil-programmi ta' formazzjoni u aġġornament tal-kleru u komunitajiet reliġjużi[214].

- Il-Knisja għandha tieħu l-inizjattiva li tissieħeb ma' entitajiet lokali u nazzjonali biex toffri programmi ta' edukazzjoni ambjentali li jiffukaw fuq l-ekoloġija integrali u jgħinu fl-iżvilupp ta' komunità impenjata li tirrisolvi l-problemi li qed jifnu lid-dinja[219].

**B. L-iżvilupp ta' attitudnijiet u valuri li jibnu etika ambjentali li twieġeb kemm għall-karba tal-art u kemm għall-karba tal-foqra[49].**

- Il-Knisja, kemm hi lesta li tinfatam mill-mudell ekonomiku preżenti mibni fuq il-konsumeriżmu li jwassal għall-eċċessi fl-użu ta' riżorsi, fl-użu tal-art u l-festi?

- Kemm hi lesta tippromwovi l-moderazzjoni billi tkun eżempju ħaj tas-sempliċità … ta' ħajja bla rabtiet mal-oġġetti li tippossjedi[223].

- Nixtiequ naraw Knisja li ma tibżax mill-verità dwar kwistjoniijiet ambjentali li jikkonċernaw lilha u tkun lesta li tieħu azzjoni sabiex ma jsirux abbużi fi ħdanha[218].

**C. L-iżvilupp ta' ħiliet li jkabbru l-kreattività u l-ħeġġa sabiex jissolvew il-problemi tad-dinja[220].**

- Il-programmi edukattivi offruti għandhom:
  - joffru ħin ta' riflessjoni spiritwali għax hi l-għerq li minnha jitnisslu l-motivazzjonijiet li jkebbsu passjoni għall-għożża tad-dinja kollha[216]. Konverżjoni ekoloġika twassal sabiex il-konsegwenzi kollha tal-laqgħa tagħna ma' Ġesù jidhru fir-relazzjoni tagħna mad-dinja ta' madwarna[217].
  - jipprovdu modi tanġibbli u prattiċi ta' kif wieħed jista' jittraduċi l-prinċipji li jħaddan f'azzjonijiet – mhux neċessarjament kbar – li huma ġesti ta' mħabba lejn Alla u l-ħolqien tiegħu[211] … ġesti sempliċi ta' kuljum li fihom inkissru l-loġika tal-vjolenza, l-abbuż, l-egoiżmu[230].

**D. L-involviment attiv f'azzjonijiet li jtejbu l-kwalità tal-ħajja.**

- Il-Knisja għandha tkun leħen qawwi li jħares u jiddefendi l-ħolqien[217]. Dan ifisser li – filwaqt li tevita kull forma ta' partiġġaniżmu – għandha tiġġenera pressjoni pubblika biex jittieħdu deċiżjonijiet favur politika ambjentali[179] u tiżgura proċess wiesa' ta' konsultazzjoni u parteċipazzjoni pubblika fid-deċiżjonijiet dwar proġetti li sa jkollhom impatt fuq il-komunità[183].

- Meta l-Knisja (inklużi l-ordnijiet reliġjużi) tkun se tikkunsidra li tiddisponi minn art jew bini għandha tadotta politika trasparenti li tinkludi konsultazzjoni ta' veru mal-komunità nisranija speċjalment dik li toqgħod fil-lokalità fejn tkun tinsab l-propjetà.

- Fuq livell parrokkjali għandha tinħoloq struttura – jew bħala Kummissjoni ġdida jew bħala funzjoni oħra tal-KPP – bil-għan li jkun żgurat li l-operat fil-parroċċa jkun konformi mal-valuri proposti mill-Enċiklika.

- Matul is-sena liturġika li għadha kemm bdiet, kull parroċċa u ordni reliġjuż għandhom iħejju pjan b'miżuri li jirriflettu l-valuri proposti mill-Enċiklika. Il-miżuri għandhom ikunu tali li jistgħu jiġu mkejla kull sena ħalli l-implimentazzjoni tagħhom tkun tista' tiġi evalwata. Il-miżuri għandhom ikopru diversi oqsma u attivitajiet (inklużi l-festi u l-logħob tan-nar) tal-parroċċa/ordni reliġjuż bħal per eżempju: ir-riżorsi li qed jintużaw jew ma jintużawx inkluż l-użu jew nuqqas ta' użu tal-propjetà; ir-riżorsi li minflok jintużaw f'attività li qed issir bħalissa jibdew jiġu allokati biex itejbu l-ħajja ta' min huwa żvantaġġat; l-użu tal-enerġija; u l-immaniġġjar tal-iskart. Dawn huma biss xi ideat u huwa f'idejn il-parroċċi u l-ordnijiet reliġjużi biex joħorġu b'ideat kreattivi. Il-miżuri li jiġu addottati għandhom isiru pubbliċi ħalli jkunu ta' dawl għall-kommunità nisranija kollha u l-parroċċi jitgħallmu minn xulxin.

- Għandu jkun żgurat li Pjanijiet Pastorali – kemm fuq livell parrokkjali u kemm fuq livell nazzjonali – ikunu mfassla b'mod li jpoġġu fil-prattika l-valuri Evanġeliċi fil-kuntest tal-Ekoloġija Integrali ħalli jkun mxandar mudell ġdid dwar il-bniedem, il-ħajja, is-soċjetà u r-relazzjoni man-natura li joffri alternattiva għall-mudell konsumista li jgħaddulna l-mezzi tal-komunikazzjoni u l-mekkaniżmi effikaċi tas-suq[215].

- Nemmnu li l-Knisja għandha tkun lesta biex, fejn hemm bżonn, tirrifjuta li twettaq proġetti – anke jekk ikollha l-permessi kollha li tagħtiha il-liġi – sabiex jitkattar il-ġid komuni u titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-komunità[123]. F'dan il-kuntest, il-Knisja għandu jkollha punt ta' referenza fil-Kurja biex proġetti ambjentali jew ta' żvilupp li jkunu qed jiġu proposti minn xi entità tal-Knisja għandhom l-ewwel jgħaddu minn skrutinju qabel ma jiġu sottomessi lill-awtoritajiet għall-permessi. Dan ikun mod kif il-proġetti proposti verament ikunu qed jippromovu l-ġid komuni. Barra minn hekk, il-Knisja għandu jkollha gwidi

ċari dwar l-użu tal-art u l-bini tagħha ħalli dawn verament jintużaw għall-ġid komuni.

- Edukazzjoni tajba fl-iskola sa miċ-ċkunija u l-adolexxenza tnibbet żerriegħa li tista' tħalli frott matul il-ħajja kollha kemm hi[213]. Għalhekk, il-Knisja għandha tiżgura li fl-iskejjel tagħha tingħata edukazzjoni mfassla fuq il-prinċipji ta' Ekoloġija Integrali bħala parti mill-Edukazzjoni għal Żvilupp Sostenibbli (tema kross-kurrikulari mitluba mill-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali).